MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 357/2007

Kawza fil-lista: 39

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ Novembru 1998 gewwa Villa Arrigo, limiti tan-Naxxar.

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

3. Illi dan iz-zwieg huwa null ghar-ragunijiet segwenti.

4. Illi meta l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; il-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; il-kunsens tal-partijiet intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u l-partijiet ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed beix jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

Tiddikjara z-zwieg celebrat mill-partijiet fl-14 ta' Novembru 1998 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-riposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda hekk :

1. Illi l-esponent jaqbel illi hemm lok li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Novembru 1998 jigi dikjarat null.

2. Illi z-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-istess partijiet u dan minhabba li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha ; li l-kunsens tal-partijiet inghata bl-eskluzzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ; il-kunsens tal-partijiet intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur u minhabba li l-partijiet ma kellhomx fi zmien li sar iz-zwieg setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-14 ta' Novembru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, ukoll fuq il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [g] u [h] ta' l-istess artikolu.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, kif ukoll familjari tal-partijiet ; u tosserva li mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-partijiet kienu izzewwgu fl-14 ta' Novembru 1998, meta allura l-attrici kellha 24 sena u l-konvenut kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba' snin. Wara konvivenza matrimonjali ta' tlett snin, il-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet spiccat, u fit-30 ta' April 2003 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

Illi mill-provi rrizulta assodat li meta l-partijiet iddecidew li jizzewwgu huma kienu hadu decizjoni li ma jkollhomx tfal fiz-zwieg. L-attrici tispjega li, kieku mhux minhabba l-pressjoni da parti tal-genituri, huma ma kienux jizzewwgu izda kienu jikkoabitaw kif il-partijiet xtaqu jaghmlu. Di fatti l-partijiet izzewggu biex ikunu jistghu jikkoabitaw flimkien minghajr il-kritika tal-genituri. Huma eskludew li jkollhom tfal fiz-zwieg u l-att taz-zwieg dejjem sar bil-prekawzzjoni minn naha ta' l-attrici. Il-konvenut jikkonferma dan, u jispjega li "ahna ghazilna li ngawdu u niehdu pjacir" u ghalhekk kienu hadu d-decizjoni li ma jkollomx tfal.

Illi wara ftit tal-konvivenza matrimonjali, l-attrici kienet qeda thossa ssikkata fir-relazzjoni, u r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet iddeterjorat, bir-rizultat li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu naqsu hafna. Wara tlett snin, il-partijiet waqqfu l-hajja konjugali bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet l-eziztenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat ;  stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, bid-decizjoni taghhom li jeskludu t-tfal fiz-zwieg, il-partijiet eskludew b' att pozittiv tal-volonta' taghhom wahda mill-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja konjugali – dik tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Novembru 1998.

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------